# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.6

**Kap 8: Aħna lkoll għandna postna**

**Lezzjoni 8.6 X'jiswa jekk ma nħobbx**

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jisimgħu l-istorja dwar il-kwalitajiet li għamlu komunità mill-ewwel Insara.
2. Jifhmu x'jagħmilna Nsara tassew.
3. Jifhmu li biex inkunu parti mill-Knisja rridu ngħixu u nħobbu bħal Ġesù.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Karta ta' Taħriġ 8.6



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- *Staqsi: X'jagħmilna* Nsara?
- Iddiskuti u ara sa fejn jaslu t-tfal.
- Asal għall-punt li biex inkunu Nsara tajbin irridu nkunu bħal Ġesù.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Staqsi: Kif taħsbu li kienu jgħixu l-ewwel Insara? Iddiskuti mat-tfal din il-mistoqsija.
2. Asal għall-punt li huma kienu jħobbu ħafna lil xulxin u kienu lesti li jaqsmu kollox bejniethom. Tant kienu jħobbu lil xulxin li min ma kienx Nisrani kien jistagħġeb bihom.
3. Spjega li jekk aħna rridu nkunu bħal Ġesù rridu nagħmlu bħalu.
4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.6 u wara li taqra s-silta mogħtija, asal għal Attività 1.
5. Iddiskuti mal-klassijiet liema huma dawk li jagħmluna nixbhu lil Ġesù.
6. Ħalli t-tfal jimmarkaw r-risposti t-tajbin.
7. Aqra l-istorja f'Attività 2. Din tista' ssir billi t-tfal jiddramattizzawha ħalli tħalli aktar effett.
8. Iddiskuti mat-tfal l-mistoqsijiet mogħtija.
9. Iddiskuti Attività 3. Wassal il-punt ta' kemm hu importanti li nobdu lil min iridilna l-ġid ħalli naslu li ninbidlu għall-aħjar.
10. Agħlaq il-lezzjoni b'talba minn tat-tfal stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-ewwel Insara kienu jintgħarfu mill-mod ta' kif kienu jġibu ruħhom ma' xulxin.
2. Jekk irridu nħobbu bħal Ġesù, irridu nħobbu tassew.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħmlu kemm jistgħu dak li hu tajjeb, avolja jridu jbatu.



## Nitolbu

Mulej Ġesù, nitolbok tagħtini l-kuraġġ biex dejjem ngħid 'iva' għal dak li hu tajjeb, u ngħid 'le' għal dak li hu ħażin, allavolja kultant irrid inbati biex nagħmel dan.

